MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 50/2007/1

**Joseph Cachia**

**vs**

**Antonia Vassallo, f'isimha proprju u bhala mandatarja tat-tlett hutha msiefra France Vassallo, Manuel Vassallo u Polly Mercieca, kif ukoll Maria Farrugia u Philippa Mifsud, ilkoll ahwa Vassallo**

Il-Bord.

Ra r-rikors ta' Joseph Calleja li jghid:

Illi l-esponent jikri min ghand l-intimati d-dar 'Saint Michael' 92 Grace Street, Haz-Zebbug, Malta bhala r-residenza tieghu u ta' familtu bil-kera ta' sebghin lira Maltin (Lm70) fis-sena, pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem, bl-ewwel skadenza fit-tnax (12) ta' Lulju 2007.

Illi b'ittra ufficjali datata erbgha (4) ta' Gunju 2007 (Dok A annessa), l-intimati taw avviz lir-rikorrent li huma jipprettendu li l-kera tal-fond in kwistjoni ghal mitejn lira Maltin (Lm200) fis-sena, b'effett mill-iskadenza tat-12 ta' Lulju 2007

Illi t-talba tal-intimati ghal zieda fil-kera mhijiex gustifikata stante li l-kokazzjoni inkwistjoni taqa' fit-termini tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta u mhumiex applikabbli ghall-kaz in kwistjoni l-eventwalment imsemmija fl-Artiklu 4 (1) tal-istess Kap u l-kera prezenti gja jaccedi l-kera xieraq tal-fond.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob li dan il-Bord joghgbu jichad l-awment fil-kera pretiza mill-intimati fl-ittra ufficjali fuq riferita u jistabilixii l-kera xieraq fil-fond in kwistjoni.

Bl-ispejjes.

Semgha ix-xhieda;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi r-rikorrent xehed illi ilu jikri dan il-fond mill-1968 bhala abitazzjoni bil-kera jithallas kull sitt xhur.

Illi l-membri teknici tal-Bord li kienu assenjati biex jassistu lic-Chairman, wara li hadu in konsiderazzjoni l-fatti kollha tal-kaz, irrelataw illi huma tal-parir li l-kera xieraq ghandu jkun ta' tlett mija u hmistax-il euro u tmintax-il centezmi Euro 315.18 (Lm135.31) fis sena compost minn euro 280.24 bhala 3.25% fuq l-ispejjes tal-bini (Euro 8625.08) u Euro 34.94 bhala 3% fuq il-valur tas-sehem ta' l-art (Euro 1164.68);

Ghalhekk il-Bord jichad it-talba tar-rikorrenti fejn talab li ghandu jkun michud l-awment pretiz mill-intimat u jilqa' t-talba tar-rikorrenti fejn talab lill-Bord jistabilixxi l-kera xieraq tal-fond liema kera qed ikun iffissat fis-somma ta'

Euro 315.18 fis-sena pagabbli bil-kundizzjonijiet vigenti u cioe' kull sitt (6) xhur bil-quddiem b'effett mit-12 ta' Lulju 2007.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------